# It-twaqqif ta' Sptar ta' Konvalexxenza fil-Kamp ta' Għajn Tuffieħa fl-1915



Charles Debono, BA (Hons) History & MA History - Kuratur, Mużew Nazzjonali tal-Gwerra

Wara li faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija fl-1914, l-Alleati ddeċidew li jattakkaw l-Imperu Ottoman. L-Alleati żbarkaw f'Gallipoli fil-25 ta' April, 1915, però mill-ewwel bdew jesperjenzaw ħafna telfiet, b'suldati jispiċċaw feruti jew mejta. Il-midruba bdew jiġu evakwati fi sptarijiet fil-viċinanzi, però il-faċilitajiet ma kinux biżżejjed għal dawn is-suldati midruba. Għalhekk inħass il-bżonn li dawn is-suldati midruba jiġu evakwati f'postijiet oħra. Malta kienet waħda minn dawk il-postijiet li ntgħażlu. Il-Gvernatur ta' Malta, Lord Methuen kien diġà ħaseb għall-eventwalità li l-Alleati jsofru ħafna suldati midruba u għalhekk kien diġà ħejja diversi sptarijiet. L-ewwel suldati midruba serji waslu f'Malta fil-5 ta' Mejju, 1915. Iktar ma beda jgħaddi ż-żmien, iktar bdew jiżdiedu n-numru ta' suldati feruti. Minħabba din is-sitwazzjoni kellhom jinstabu jew jitwaqqfu sptarijiet jew sptarijiet ta konvalexxenza. Bejn Lulju-Settembru 1915, seħħ ġlied kbir fil-peninsula ta' Gallipoli, b'mod partikulari f'Suvla, meta l-Alleati fetħu front ġdid fejn żbarkaw eluf ta' truppi f'dan il-post.



L-Isptar ta' Konvalexxenza fil-Kamp ta' Għajn Tuffieħa, li kien jikkonsisti minn tined. (Sors: Malta in World War I: Photographic Postcards)

Wara li nfetaħ front ġdid f'Suvla, l-Alleati esperjenzaw eluf ta truppi li bdew jimirdu iktar milli feruti waqt il-ġlied. Matul dawn it-tliet xhur partikulari iktar minn 22,000 suldat ferut u marid, ġew żbarkati f'Malta. Minħabba f'hekk in-numru ta' suldati morda jew feruti żdied minn 4,000 fl-1 ta' Lulju, 1915 għal 10,157 fit-30 ta' Settembru, 1915. F'dan il-perjodu kien hemm 13,000 sodda fl-isptarijiet u sptarijiet ta' konvalexxenza. Kien hemm ukoll 13,000 suldat ferut u marid li ġew trasferiti l-Gran Brittanja għal iktar kura u b'hekk l-isptarijiet setgħu ilaħħqu mad-domanda konsistenti. F'każ minnhom bejn id-9-16 ta' Settembru waslu f'Malta 3,000 truppi midruba.



L-Isptar ta' Konvalexxenza fil-Kamp ta' Għajn Tuffieħa. (Sors: Malta in World War I: Photographic Postcards)

Fil-15 ta' Awwissu 1915 reġa' kien hemm bżonn ta iktar postijiet għall- konvalexxenza, minħabba li l-isptarijiet eżistenti kienu ppakkjati b'pazjenti. Il-problema ġiet solvuta meta ntgħażel il-Kamp ta' Għajn Tuffieħa, li hu 10 mili 'l bogħod mill-Belt Valletta. Qabel ma faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija, l-Kamp ta' Għajn Tuffieħa kien jintuża kemm mill-Armata Brittanika kif ukoll mill-Qawwa Navali Brittanika. F'dak iż-żmien dil-binja kienet tintuża bħala villeġġjatura tas-sajf, kemm mill-uffiċjali kif ukoll mis-suldati. Kien hemm post biżżejjed għal kull tip ta eżerċizzji u logħob. Kien hemm ukoll aċċess għall-baħar u żiffa friska li ttaffi mis-sħana tas-sajf. Għajn Tuffieħa kien post addattat għas-suldati feruti jew morda, biex jgħinhom jerġgħu jiksbu saħħithom u kapaċità jerġgħu jaqdu dmirijiethom.

Għall-bidu kien hemm ħafna diffikultajiet rigward organizzazzjoni u tagħmir mediku, però wara ftit ġew solvuti bis-saħħa tal-uffiċjal li kellu r-responsabbiltà ta' dan l-isptar ta' konvalexxenza, Lieutenant-Colonel Maurice RAMC (Royal Army Medical Corps). Mal-



Iktar tined tal-Isptar ta' Konvalexxenza fil-Kamp ta' Għajn Tuffieħa. .
(Sors: Malta in World War I: Photographic Postcards)

ewwel twaqqfu tliet kampijiet bi kwartier-ġenerali ċentrali, li b'hekk għaqqad il-proċedura rigward dixxiplina, trattament eċċ. Ir-Royal Engineers ipprovdew kċejjen, faċilitajiet sanitarji, provisti eċċ. Ġew introdotti drills billi jimmarċjaw u eżercizzji oħrajn, filwaqt li ġew inkoraġġiti wkoll logħob u divertiment.

F'Awwissu, 1915 kien hemm spazju għal 2,000 konvalexxenti u sa xahar wara telgħu għal 3,000. L-isptar għalaq f'Jannar, 1919, xahrejn wara li spiċċat l-Ewwel Gwerra Dinjija.

G.R. Bruce, Military Hospitals in Malta during the War, (Malta), pp 28-29.